**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1308/01JR**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**www.travel.tv plc**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija tnejn u erbghin lira Maltija disgha u erbghin centezmu (Lm842.49), u fejn intqal illi:**

**Is-socjeta` attrici irrendiet diversi servizzi ta' reklamar lill-konvenut fuq ordni u inkarigu specifiku tieghu u l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija tnejn u erbghin lira Maltija disgha u erbghin centezmu (LM842.49);**

**Ghalkemm il-konvenut gie interpellat biex ihallas, inkluz permezz t'ittra bonarja datata 26 ta' Jannar, 2001, huwa baqa' nadempjenti;**

**Is-socjeta` attrici ghalhekk titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta' tmien mija tnejn u erbghin lira Maltija disgha u erbghin centezmu (LM842.49) kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Jannar, 2001, u l-interessi mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Aaron Bugeja ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma tmien mija tnejn u erbghin lira Maltija disgha u erbghin centezmu (LM842.49) bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Settembru, 2000, sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Jannar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**